Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

19th June 2014

**Il-Wieħed u Għoxrin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2014 fis-7.30pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma fil-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Nomini għall-ħatra ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ
6. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntatt dwar provvista ta' alloġġ, *catering* u faċilitajiet għal konferenzi sabiex jiġi mplimentat il-proġett "*Bringing the E.U. Closer to the Local Communities*"
7. Stimi dwar l-introduzzjoni ta' bandla fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ għal persuni li jużaw is-siġġu tar-roti
8. Ftehim dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## Mozzjoni

**6. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:**

"Billi permezz tal-Programm "*Europe for Citizens*"– "*Town twinning Citizens' Meetings*" ġiet allokata s-somma ta' €17,000 taħt Azzjoni 1 Miżura 1.1., bil-għan li jitwettaq il-proġett "*Bringing the E.U. Closer to the Local Communities*" bejn it-8 u l-11 ta' Awwissu 2014;

Billi skont il-ftehim mal-*Education, Audiovisual and Culture Executive Agency*, il-proġett jinvolvi l-organizzazzjoni ta' konferenza bil-parteċipazzjoni ta' delegati minn Malta; l-Italja, il-Latvja; ir-Rumanija u Ċipru, li jeħtieġu ikel u akkomodazzjoni matul il-ġranet imsemmija; u

Billi saret sejħa għall-offerti (1/2014) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni taż-żewġ offerti li saru mill-istess Kunsill fl-ewwel parti tas-seduta Nru. 20 tas-27 ta' Mejju 2014;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent 3sixtymeeting Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/24)

Clayton Bartolo
**Viċi Sindku (Proponent)**

Emvin Bartolo
**Kunsillier (Sekondant)**